**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-20 ta' Novembru, 2018**

**Talba Numru: 566/2016 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 36**

**Sunfish Limited (C19030)**

**Ta' Tamira,**

**St John's Lane**

**Bahar ic-Caghaq**

**Vs**

**Nanna Ignis Limited (C69152)**

**61, Triq Santa Marija,**

**Zebbug**

**Malta**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba pezentat mis-socjeta' attrici fit-28 ta' Novembru, 2016 li permezz taghha talbu lis-socjeta' konvenuta tigi ordnata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef hames mija u sebgha u tmenin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€3,587.24c)

rapprezentanti servizzi rezi lilha mis-socjeta' attrici fuq ordni taghha stess u skont l-istatement Dok A prezentat mal-istess Avviz tat-Talba.

A fol 7 ( fol 11 risposta dattilografata) s-socjeta' konvenuta eccepiet li fl-ewwel lok is-socjeta' attrici ghandha tispjega liema servizzi allegatament irrendiet lis-socjeta' esponenti u tipprova li kienet s-socjeta' esponenti li talbitha tali servizzi u s-socjeta' esponenti minn issa tirrizerva li tressaq eccezzjonijet ulterjuri inkluz dawk tal-legittimu kontradditturi; li s-socjeta' esponenti qatt ma talbet servizzi minghand is-socjeta' attrici u l-unici servizzi li tirrikjedi f'Malta relatati mal-bastiment 'Alexander K' huwa dawk ta' agent liema tiehu hsieb hija stess u dawk ta' irmigg liema jithallsu direttament lil Transport Malta; fil-kumplament it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

A fol 16 et xehed Victor Zammit Direttur tal-kumpanija attrici u spjega li huwa ghandu dghajjes tas-sajd u ghandu l-moll li jhallas lil Transport Malta u ghandu l-fishing boats tieghu. Lil Nanna Ignis jispjega li kien gie u kellu bzonn jitrakka mal-boats tieghu u tah s-servizzi li jista jorbot hemmhekk u kien jiehu l-garbage u jekk kellu bzonn xi haga. Kien ihallsu ta' kollox. Huwa pprezenta l-ircevuta li kien johrog lis-socjeta' konvenuta u li l-owner tad-dghajsa Alexander huwa certu Karmenu.

A fol 27 Victor Zammit xehed li huwa jirraprezenta s-socjeta' attrici li topera minn Church Wharf, Marsa li nghata lilhom minn Transport Malta u jhallsu ghalih kull xahar. Illi minn hemmhekk is-socjeta' attrici toffri servizzi bil-hlas ghal bastimenti ta' daqs differenti kemm tal-barranin u anke ghal Maltin. Dawn is-servizzi jinkludu imma mhux limitati ghall-uzu tal-area, l-elettriku u l-ilma mill-art ghal bastimenti biex jkunu jistghu joperaw minghajr generator, security u l-gbir taz-zibel. Il-bastiment 'Alexander K' tas-socjeta' konvenuta dahal u kelllu bzonn jitrakka mal-boats tieghu u juza dawn is-servizzi. Huwa kkomunika ma' Ganni li huwa s-sid ta' dan il-bastiment /jew Karminu li jigi t-tifel ta' Ganni u dejjem huma kienu jhallsuh u jghidulu l-bzonnijiet taghhom. L-ewwel pagament ghamluh fl-04 ta' Gunju, 2015 u t-tieni u l-ahhar pagament sar fit-08 ta' April, 2016. Is-somma ta' tlett elef hames mija u sebgha u tmenin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€3,587.24c) ghadu dovut u minn l-ahhar pagament fis-sena 2016 is-socjeta' konvenuta ma ghamlet ebda pagamenti. Skont l-istatement li esebixxa huwa spjega li l-ebda mis-servizzi ma huma relatati mal-irmigg.

A fol 88 Victor Zammit in kontro-ezami spjega li ebda servizzi li qed jibghat il-hlas taghhom ma huma relatati mal-irmigg. Hu spjega li s-servizzi huma security li ghandu hemmhekk, tinda li jkunu jistorjaw, (fol 89) , dawl u ilma, skip tal-garbage, l-uzu tal-elettriku, ilma minn l-arti tal-bastiment biex ikunu jistghu joperaw minghajr generali, gbir taz-zibel kif jidher f'para 4 tal-affidvit tieghu. Huwa kkonferma li rbit ma' Transport Malta jsir. Huwa jammetti li s-socjeta' konvenuta ma talbitu servizzi ta' security izda huwa ghandu l-ispejjez tieghu tas-security. Mistoqsi jekk is-socjeta' konvenuta talbitux biex tuza l-elettriku huwa wiegeb li hemm is-socket ma' barra li huwa ghal dghajjes ohrajn ukoll. Huwa gie mistoqsi jekk ghandux tally bex jaraw meta kien iqabbad mad-dawl tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta huwa wiegeb li ma ghandux tally. Dwar skip huwa spjega li kien igib skip u jitfghu z-zibel hemmhekk u kien jiehdu lura. Huwa jammetti li ikun hemm zewg bastimenti jaqsmuh bejn tnejn u dan irrilevanti jekk juzax li skip jew le. Huwa jaqbel li l-bastiment kellu fresh water tanks u rendikont tal-ispejjez inkorzi mill-bastiment huwa ma setax jaghti. Dwar l-ilma gieli kellu bzonn u tah temm jghid ix-xhud.

A fol 30 fl-affidavit tieghu Carmelo Scicluna spjega li fil-perjodu bejn it-23 ta' Novembru, 2015 u l-ewwel ta' Awwissu, 2016 cioe' dak ta' li statement esebit mis-socjeta' attrici, huwa kien l-uniku Direttur u azzjonist fis-socjeta' konvenuta. Huwa jikkonferma li l-bastiment 'Alexander K' kien propjeta' tas-socjeta' konvenuta. Qabel kien jirmiggja fl-akwata maghrufa bhala 'Mifsud Veranda' meta xtara l-bastiment f'Novembru, 2015 u wara certu zmien mindu xtrah mar fuqu Victor Zammit u talbu jhallsu talli kellu d-dghajsa rmigjata tal-uzu ta' li skop u l-uzu tad-dawl. Huwa kien ghaddielu s-somma ta' elf ewro (€1,000) fi flus kontanti lil Victor pero' ma tahx ricevuta minkejja li talabielu diversi drabi u dan kien bejn Mejju u Gunju, 2015.

Wara xi hmistax meta rega kellmu Victor Zammit, Zammit ha haddiema tieghu jitfghu l-jablo tal-fridge fl-iskop li kien hemm u talbu disghin ewro (€90) u huwa llatika mieghu ghax kull ma kien rema kienu erba kaxxi jablo u Zammit qallu biex ihallsu hamsa u erbghin ewro (€25). Huwa xorta hallsu disghin ewro (€90) u qallu li mhux ser jaghmel aktar uzu minn l-iskip tieghu u dan kollu sar fil-prezenza ta' ibnu Jonathan Scicluna. Minn dakinhar huwa qatt ma uza izjed l-iskop tas-socjeta' attrici u ghalhekk ma jafx ghalfejn Zammit hareg l-invoice li hareg u qed jitlob l-hlas ghall-iskip. Xi granet wara rega mar Victor Zammit u talbu xi flus ghad-dawl li kien qieghed juza u dan kif xi Gunju,

2015 fejn talbu jhallas is-somma ta' tlett mitt (€300) u huwa hallsu dak il-hin stess. Dawn kienu kollha biljetti tal-ghaxar ewro (€10) u ghal darba ohra minkejja li talbu irevuta huwa baqa' ma ghaddielu ebda ircevuta.

Circa Novembru, 2015 il-bastiment gie trasferit ufficjalment fuq is-socjeta' konvenuta. Minn Novembru' 2015 sa April' 2016 Victor Zammit qatt ma rega kelmu ghal xi hlas iehor u lanqas baghtlu xi invoices.

Kienu baghtu ghalih Transport Malta u kellu laqgha fis-17 ta' Awwissu, 2016 maghhom fejn staqsewh jekk dan Victor ta' Sunfish Limited kienx l-agent tal-bastiment tieghu u huwa nfurmahom li l-agent registrat kien Paul Bezzina u Transport Malta gibdulu l-attenzjoni biex jibda jhallas lil Transport Malta ghall-irmigg tal-bastiment u dan peress li s-socjeta' attrici Transport Malta kienet infurmathom li jekk Sunfish Limited ma kienx l-agent tal-bastiment huma ma kellhomx dritt jitolbu xi invoices, jitolbu l-hlas tal-irmigg.

Mill-25 ta' April, 2016 il quddiem huwa hallas ghall-irmigg direttament lil Transport Malta u pprezenta kopja tal-ircevuti li hallas u kopja tal-email minn Transport Malta tat-22 ta' Awwissu, 2016 tinfurmah bir-rata tal-irmigg tal-bastiment in kwistjoni ( fol 32 sa fol 36).

Transport Malta nfurmawh Ii s-socjeta' attrici qatt ma kienet l-agent tal-bastiment tieghu u qatt ma kellha dritt titlob hlasijiet tal-irmigg ghaliex il-port ma kienx taghhom. Huwa jichad li qatt dahal f'relazzjoni kummercjali ma' Sunfish Limited u qatt ma talabhom sabiex ikunu l-agenti tieghu u ghalhekk ma jifhimx ghaliex qed jiccargjaw ghal services rendered.

Ghal perjodu bejn l-01 ta' April, 2016 il quddiem huwa dejjem hallas lil Transport Malta u ghalhekk ma jafx ghaliex is-socjeta' attrici qed tippretendi pagament ghal services rendered fl-invoice a fol 36 et. Huwa pprezenta fol 35 kopja tac-cheque li bih s-socjeta' konvenuta hallset elf seba' mija u tnejn u tmenin ewro u hamsin centezmu (€1,782.50c) lil Transport Malta.

Rigward collection of garbage huwa spjega li wara circa Gunju, 2015 fejn gara l-episodju tal-jablo huwa ma qatt ma ghamel uzu minn skip jew collection of garbage u jghid b'certezza li bhala garbage kienu jiehdu hsiebu huwa u ibnu bil-vannijiet taghhom.

In kontro ezami a fol 94 et Carmelo Scicluna jghid li kien hallas lil Victor Zammit elf ewro (€1,000) on account u wara nduna li l-vapur kien ghadu ma darx fuqu u l-vapur imbaghad dar fuqu u li skont Transport Malta la l-vapur ma kienx dar fuqu skont Transport Malta la ma jkunx ghadu dar fuqu ma ghandekx dritt thallas. Il-vapur dar fuqu fit-23 ta' Novembru, 2015. Zammit talbu disghin ewro (€90) ta li skip ta' darba u huwa rrifjuta dan. Ilma qatt ma tah ghax kien igib il-bowser.

In ri-ezami Scicluna rega kkonferma li ilma qatt ma talbu lil Zammit. Tah darba d-dawl u x'hin kienu ser iqabduh li kien iwaqqaf l-arlogg qatghulhom d-dawl kollu. Huwa jammetti pero' li d-dawl uzah xi hmistax-il gurnata biss u qatghulhom d-dawl. Huwa hallsu tlett mija u disghin ewro (€390) tad-dawl. Fuq domanda ta' dan it-Tribunal dwar x'kien l-arrangament li kellu mas-socjeta' attrici x-xhud wiegeb li arrangement ma kien hemm xejn kien mar Zammit u qallu ghandek sitta u ghoxrin ewro (€26) kuljum. La qallu ta' l-iskip u xejn aktar.

A fol 57 et xehed Conrad Muscat, Commercial Manager Transport Malta li kkonferma li sar meeting mas-socjeta' konvenuta fis-17 ta' Awwissu, 2016 cioe' bejnu u bejn l-operaturi tal-vapur 'Alexander K'. Huwa kkonferma li s-socjeta' konvenuta hija l-owners tal-bastiment u s-socjeta' attrici huwa l-operatur tat-terminal. Fil-meeting kien hemm prezenti huwa u l-kumpanija konvenuta li talbitu specifikatament biex imur jorbot mal-moll li jinsab Bridge Wharf, il-Marsa liema moll qieghed taht 'concession agreement' jew inkella ahjar 'berth temporary agreement' mas-socjeta' attrici pero' fl-istess agreement hemm spjegat b'mod specifiku li l-kumpanija Sunfish ma tistax ticcargja berthage fees jew berthing fees jekk sakemm il-vapur li jkun qed jorbot ghandha jkunx operat minnha jew hi l-istess kumpanija tkun agent ta' dak il-vapur. Il-kumpanija Nanna Ignis talbitu biex imur hemm. Huwa kkonferma li l-vapur kien 'Alexander K' u li l-agent tieghu hu Nanna Ignis. Huwa rega spjega li waqt dan il-meeting l-operaturi ta' Nanna Ignis talbuh specifikatament biex imorru jorbtu f'dan it-tali berth bridge wharf li huwa operat minn Sunfish u l-arrangament ma' Sunfish jghid car u tond li sakemm il-vapur li jmur jorbot hemm ma huwiex operat minn Sunfish jew inkella l-agent ta' dak il-vapur huwa Sunfish ic-charges relatati mal-berthing tigborhom l-Awtorita'. Huwa pprezenta l-invoices li harget l-Awtorita' ghal uzu ta' dan il-moll cioe' l-berthing fees lin-Nanna Ignis u l-ircevuti tal-pagamenti li thallsu lil Awtorita. Fuq domanda specifika ta' dan it-Tribunal a fol 60 (overleaf) huwa wiegeb li "*Berthing fees relatati ma' vapuri li jorbtu ghand is-*

*Sunfish pero' li s-Sunfish ma huwiex agent taghhom jew operator taghhom jew l-owner taghhom il-berthing fees jithallsu lill-Awtorita."*

Ra d-dokumenti kollha esebiti mil-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni mill-avukati tal-partijiet.

Ikkonsidra

Li s-socjeta' konvenuta talbet is-servizz tas-socjeta' attrici biex torbot id-dghajsa 'Alexander K' mal-moll li ghandha mikri lilha minn Transport Malta. Jirrizulta li meta gara dan id-dghajsa ma kienetx ghadha registrata fuq is-socjeta' konvenuta u nqalbet ghal fuq is-socjeta' konvenuta fit-23 ta' Novembru, 2015 li ncidentalment minn fol 2 jirrizulta d-data tal-ewwel kont mitlub mis-socjeta' attrici.

Fol 2 hija l-invoice li pprezentat is-socjeta' attrici ghal dan is-servizz u fiha hemm imnizzel fost ohrajn kont ta' sitta u ghoxrin ewro (€26) kuljum. Fuq domanda ta' dan it-Tribunal dwar x'kien l-arrangament li kellu mas-socjeta' attrici Carmelo Zammit rapprezentant tas-socjeta' konvenuta wiegeb *li arrangement ma kien hemm xejn kien mar Zammit u qallu ghandek sitta u ghoxrin ewro (€26) kuljum. La qallu ta' li skip u xejn aktar.*

Ma jirrizultax mill-atti li Zammit kkontesta dan l-ammont u kkontesta biss c-charges fl-istess invoice rigward collection of garbage, u servizz ta' dawl u ilma. Zammit ukoll jammetti li huwa hallas lis-socjeta' attrici elf ewro (€1,000) akkont u tlett mija u disghin ewro (€390) tad-dawl u dan huwa rifless ukoll fl-istess invoice.

Dwar il-fatt li sussegwentement is-socjeta' konvenuta gie a konjizzjoni taghha li l-*berthing fees* bhala sid il-bastiment thallashom hi lil Transport Malta u dana kif jirrizulta wkoll mix-xhieda tar-rapprezentant ta' Transport Malta li fuq domanda specifika ta' dan it-Tribunal a fol 60 (overleaf) huwa wiegeb li "*Berthing fees relatati ma' vapuri li jorbtu ghand is-Sunfish pero' li s-Sunfish ma huwiex agent taghhom jew operator taghhom jew l-owner taghhom il-berthing fees jithallsu lill-Awtorita"*. Manakollu ma ingabet ebda prova mis-socjeta' konvenuta li c-charges tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' sitta u ghoxrin (€26) kuljum huma b'xi mod relatati mal-*berthing fees* tal-istess bastiment u anke kieku

stess kien jispetta lis-socjeta' konvenuta li tfittex lis-socjeta' attrici ghal flus li hija qed tallega li ma kellhiex thallas.

Illi Victor Zammit in rapprezentanza tas-socjeta' attrici ghamilha cara li dawn is-servizzi jinkludu imma mhux limitati ghall-uzu tal-area, l-elettriku u l-ilma mill-art ghal bastimenti biex ikunu jistghu joperaw minghajr generator security u l-gbir taz-zibel u spjega li skont li statement li esebixxa l-ebda mis-servizzi ma huma relatati mal-irmigg.

Illi inoltre anke l-fatt li s-socjeta' konvenuta baqghet taghmel il-pagamenti sat-08 ta' April, 2016 jikkonferma li hija ma kellha ebda problema dwar dawn is-servizzi.

Illi ghalhekk is-socjeta' attrici offriet servizzi lis-socjeta' konvenuta. Dwar il-kwantum dan it-Tribunal ma jaqbilx li l-fees ghal garbage collection ghandu jkun oltre dak ta' sitta u ghoxrin ewro (€26) kuljum u dan kif jixhed l-istess Victor Zammit ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici meta xehed li r-rata kienet tinkludi wkoll garbage collection. Illi ghalhekk mill-ammont dovut ghandu jitnaqqas dak ta' mija u tmenin ewro (€180) ghal garbage collection.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament fl-ammont ta' erbat elef sebgha mija u erbgha u sittin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€4,764.84c) kwantu ghal erbat elef u tmienja u tletin ewro (€4,038) l-ammont dovut u seba' mija u sitta u ghoxrin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€726.84c) VAT bl-imghax legali dekorribli mil-lum.

Spejjez jithallsu kwantu ghal tlett kwarti mis-socjeta' konvenuta u kwart mis-socjeta' attrici.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**